**13 ta' Frar, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Gracie Agius pr. et ne. et.

*versus*

Angiolina Cutajar

**Azzjoni Possessorja — Manutenzjoni — Pussess — Molestja — Tolleranza — Prova — Art. 571, 561, u 562(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Sabiex tista' ssehh l-azzjoni possessorja msejha ta' manutenzjoni, jeħtieġ li jirrikorru erbgħa elementi, jiġifieri (1) hija għandha tirrigwarda ħaġa immobili jew universalità ta' ħwejjeġ mobili, (2) irid l-attur jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' dik il-ħaġa, (3) irid ikun ġie molestat f'dan il-pussess, (4) u l-azzjoni trid tkun ġiet eżerċitata fi żmien sena mill-molestja.*

*Kwantu għall-element tal-pussess, dan irid ikun fis-sens tal-art. 561(1) tal-Kodiċi Ċivili. Huwa ndifferenti jekk dan il-pussess ikunx leġittimu jew illeġittimu, in bwona fede jew in mala fede, u jekk ikollux bħala oġġett id-detenzjoni tal-ħaġa korporali jew id-dgawdija ta' xi jedd; basta li dik id-dgawdija jew dak il-jedd ikunu "animo domini". U fin-nuqqas ta' prova li ma kienx hemm pussess, imma tolleranza, għandha tipprevali l-preżunzjoni li l-użu tad-dritt vantat kien "animo domini"; u mhux leċitu li fil-ġudizzju possessorju jsir il-kumulu tal-petitorju. Dan il-pussess huwa ċertament rekwiżit essenzjali ta' din l-azzjoni; u għad li l-liġi tagħna tgħid illi l-pussess manutenibbli b'din l-azzjoni hu "ta' liema xorta jkun", hu x'inhu, sewwa jew vizzjat, l-azzjoni m'ngħajr dan il-pussess, li hu l-qofol u l-bażi tagħha, ma hix eżerċibbli. U l-prinċipju "vim vi repellere"*

*jista' jkollu applikazzjoni biss meta l-att isir minnufih, "confestim" u "in continenti", u mhux "ex intervallo".*

*Il-molestja, mbagħad, tista' tikkonsisti fi kwalunkwe att ġuridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja għall-pussess ta' ħadd ieħor.*

*Il-fatt li għal xi żmien l-attur ma jkunx eżerċita d-dritt li hu jitlob li jiġi reintegrat bl-azzjoni ta' manutenzjoni ma jtellfux dak id-dritt, jekk hu, għalkemm ma jkunx eżerċitah, ikun però għamel hekk f'ċirkustanzi li juru li hu fil-fatt żamm l-istess dritt.*

*Anki jekk il-pussess turbat mill-konvenut kien komuni miegħu, dak il-pussess huwa l-istess manutenibbli; għax mhux meħtieġ li l-pussess ikun esklużiv biex ikun protett bl-azzjoni ta' manutenzjoni, billi din l-azzjoni hija konċessa anki bejn komproprjetarji jew kompossessuri tal-ħaġa komuni.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim-Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attriċi proprio et nomine, wara li ppremettiet illi l-atturi huma proprjetarji u possessuri tal-korp ta' bini f'Ħaż-Żabbar konfinanti minn Strada Santa Domenica u minn Strada Santa Teresa, flimkien ma' sqaq li għalieh hemm aċċess mill-korp ta' bini u li jiżbokka fi Strada Santa Domenica; u illi reċentement il-konvenuta mmolestat il-pussess tal-atturi fuq l-istess sqaq, billi mblukkat l-iżbokk tal-isqaq fuq Strada Domenica b'ħajt tas-sejjieħ; talbet li l-konvenuta tiġi kundannata biex, fi żmien qasir u perentorju prefiġġendo, tirreintegra l-atturi fil-pussess sħiħ tal-istess sqaq fuq imsemmi, billi tirrimwovi kompletament il-ħajt li hija tellgħet fl-iżbokk tal-istess sqaq. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-15 ta' Diċembru 1952, kontra l-konvenuta. B'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi kontra l-konvenuta;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha ssottomettiet illi hija ma kkommettiet ebda spoll, peress li l-isqaq in kwistjoni huwa proprjetà privata u esklużiva tagħha; anzi kienu l-istess atturi li kkommettew spoll vjolent, meta ġarrfu l-ħajt tal-istess sqaq, u dan anki jekk

l-esponenti ma kellhomx (sic) dritt jibnu l-ħajt fl-isqaq in kwistjoni, u dan kollu ġie ntimat lill-atturi bil-kontroprotest tat-18 ta' Diċembru 1952; u illi, kif ġie deċiż fil-kawża "Pellegrini Petit vs. Giuseppe Sammut" (Kollez. XXIV-I-281), min huwa possessur ta' fond jista' jneħħi l-ostakolu li terza persuna tagħmel għall-aċċess liberu ta' dak il-fond; f'liema każ wieħed ma jistax jitkellem fuq spoll;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju 1958, li biha laqgħet it-talbiet tal-attriċi proprio et nomine, u tat lill-konvenuta, ħmistax il-ġurnata żmien biex tneħħi l-ħajt in kwistjoni; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta; wara li kkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, l-attriċi qegħedha teżerċita l-azzjoni possessorja kontemplata fl-art. 571 tal-Kodiċi Ċivili, magħrufa bħala azzjoni ta' manutenzjoni. Sabiex din l-azzjoni tista' sseħħ jeħtieġ li jirrikorru erbgħa elementi, jiġifieri (1) hija għandha tirrigwarda ħaġa immobili jew universalità ta' ħwejjeġ mobili, (2) irid l-attur jkun fil-pussess, ta' liema xorta jkun, tal-ħaġa fuq imsemmija, (3) irid ikun ġie molestat f'dan il-pussess, (4) u l-azzjoni trid tkun eżerċitata fi żmien sena mill-molestja;

Illi kwantu għall-ewwel element ma jidherx li hemm, u del resto lanqas jista' jkun hemm, ebda kontestazzjoni;

Illi, kwantu għal-element tal-pussess, il-konvenuta tippretendi illi l-isqaq in kwistjoni huwa proprjetà esklużiva tagħha (fol. 9), u illi, jekk għadda xi ħadd mill-isqaq, dan kien b'sempliċi tolleranza (fol. 17 tergo);

Illi skond il-liġi jrid ikun hemm pussess, jiġifieri fissens tad-definizzjoni mogħtija mill-art. 561(1) tal-Kodiċi Ċivili. Huwa ndifferenti jekk dan il-pussess ikunx leġittimu jew illeġittimu, "in buona fede" jew "in mala fede", u jekk ikollux bħala oġġett id-detenzjoni tal-ħaġa korporali jew id-dgawdija ta' xi jedd, basta li dik id-detenzjoni u dik id-dgawdija tkun "animo domini" F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-provi illi l-fond tal-atturi, qabel ma ġie danneġġjat bil-gwerra, kellu żewġ bibien u tieqa fuq l-isqaq in kwistjoni (fol. 32 tergo), u mill-isqaq kienu jgħaddu dawk

li kienu jagħmlu użu mill-ambjenti li kien fihom dawk il-bibien, kif ukoll oħrajn, mingħajr ebda oppożizzjoni (fol. 32 tergo, 44 u 65). *Di pjù, mill-isqaq kien għaddej id-drenaġġ* tal-fond tal-atturi (fol. 31 u 55). Liema ċirkustanzi huma biżżejjed biex jippruvaw il-pussess fl-atturi skond il-liġi. Ma ġiex adegwatament pruvat illi l-użu tal-isqaq kien isir bil-bona grazzja; u f'difett ta' din il-prova l-preżunzjoni għandha tipprevali illi dak l-użu kien isir "animo domini" (art. 562(1) Kod. Ċiv.). Lanqas, *għalhekk, tista'* f'dan il-ġudizzju tiġi eżaminata l-kwistjoni sollevata mill-konvenuta li ċjoè l-isqaq huwa proprjetà esklużiva tagħha; dan huwa ġudizzju possessorju, u mhux leċitu li jsir fih il-kumulu tal-petitorju. Jekk ġew konstatati l-ġustijiet eżistenti fuq l-isqaq, dan sar biex tiġi eżaminata l-indoli tal-pussess fl-atturi, "ad colorandam possessionem"; u dejjem mingħajr preġudizzju tal-petitorju;

Illi mhijiex sostenibbli l-eċċezzjoni tal-konvenuta li l-isbokk tal-isqaq ġie blukkat sabiex tirrespinġi l-użu illegali li kien qiegħed isir mill-atturi; *għaliex il-prinċipju* "vim vi repellere" jista' jkollu applikazzjoni biss meta jsir minnufih, "confestim" u "in continenti", u mhux "ex intervallo", kif ġie stabbilit fis-sentenza nvokata mill-konvenuta stess fin-nota tal-eċċezzjonijiet; u ebda prova ma saret illi kollox sar mill-konvenuta taħt iċ-ċirkustanzi fuq imsemmija;

Illi, kwantu għall-molestja, din tista' tikkonsisti fi kwalunkwe att ġuridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja għall-pussess ta' ħadd ieħor; u mill-provi, speċjalment mill-verbal tal-aċċess (fol. 16 tergo), jirriżulta *illi* d-daħla għall-isqaq ġiet imblukkata mill-konvenuta permezz ta' Mariano Sarè, prokuratur tagħha; u dan hu molestja skond il-liġi;

Illi għalhekk jirrikorru r-rekwiżiti kollha tal-azzjoni esperita;

Rat in-nota li biha l-konvenuta appellat minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li dik is-sentenza tiġi revokata, u jiġu miċħuda t-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-aggravji tal-appellanti dedotti fil-petizzjoni tagħha jaġġiraw ruħhom dwar l-element tal-pussess, li hu ċertament l-ewwel rekwiżit tal-azzjoni esperita mill-attriċi. Għad illi, skond il-liġi tagħna, il-pussess manutenibbli b'din l-azzjoni hu "ta' liema xorta jkun" (art. 571 Kod. Ċiv.), b'dan kollu "xi xorta ta' pussess, hu x'inhu, sewwa jew vizzjat, għandu jkun hemm" (XXXII-II-240), u ma hix eżerċibbli din l-azzjoni mingħajr l-eżistenza ta' dan l-element, li hu l-qofol u l-bażi tagħha;

Peress illi l-prova ta' dan l-element tmiss lill-attriċi, l-appellanti ssostni illi huma ma ppruvawx ebda "element ta' pussess fuq l-isqaq in kwistjoni". Iżda din il-pretensjoni ma hix ġustifikata. Infatti, l-isqaq in kwistjoni huwa sqaq privat li jiżbokka fuq trieq publika minn naħa waħda biss. Anki jekk jista' l-lum jingħad, minħabba li dan l-isqaq donnu jidher li sar post ta' passaġġ publiku, illi hu jikkostitwixxi trieq viċinali, il-proprjetà tiegħu għadha rikonoxxuta privata, bid-drittijiet u l-obligi li dan jimporta għall-possessuri tal-bini latistanti. Fuq naħa waħda tal-isqaq hemm il-proprjetà tal-attriċi, u fuq in-naħa l-oħra hemm proprjetà tal-konvenuta. Deher mill-provi illi qabel il-bini tal-attriċi ġie demolit fl-aħħar gwerra, dan il-bini kellu żewġ bibien u tieqa regolari li jagħtu għal dan l-isqaq (fol. 32 tergo u xhieda attriċi Agius quddiem din il-Qorti). Minn dawn il-bibien kienu jgħaddu nies għad-dar tal-awtriċi tal-attriċi. Il-konvenuta stess xehdet illi, biex tmur għand innanna tal-attriċi, kienet tgħaddi mill-isqaq u tidħol minn bieb fl-isqaq, kważi fl-estremità tiegħu lejn l-għalqa (fol. 45 tergo);

Issa, l-eżistenza ta' bibien li jinfetħu fuq l-isqaq, tant minn naħa tal-bini tal-attriċi kemm minn naħa tal-bini tal-konvenuta, turi almenu żgur l-użu tiegħu komuni;

Oltre dan, mbgħad, ġie wkoll pruvat illi mill-isqaq kienet għaddejja l-kommunikazzjoni tad-drenaġġ għad-dar

tal-attriċi (xhieda Carmelo Tabone fol. 31 u Perit Muscat fol. 55 *tergo*);

Fl-1941 il-fond tal-attriċi ġie, kif ġa ntqal, imwaqqa bil-bombi mill-ajru, u għaż-żmien kollu li dam imwaqqa naturalment ma setax isir użu minnu, u kwindi, da parti tal-attriċi anqas mill-isqaq li kien jagħti aċċess għalieh. Dan però ma jġibx illi b'daqshekk l-attriċi tilfu l-pussess li kellhom fuq l-isqaq;

Infatti, malli dak il-bini tal-attriċi ġie rikostruwit (u dan kien qabel ġrat il-molestja), fuq l-isqaq reġgħu saru, f'lok iż-żewġ bibien u t-tieqa li kienu hemm qabel, bieb wieħed u tieqa. Veru huwa illi fiż-żmien li saret il-molestja dan il-bieb u tieqa ma kienux jinfetħu; iżda dan kien unikament dovut għall-fatt illi huma kienu ġew provviżorjament magħluqin bil-ġebel sakemm jitlesta x-xogħol kollu (fol. 55). Anki l-attriċi Agius spjegat fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti illi huma kienu mbarraw il-bieb bil-ġebel biex il-fond ma jkunx aċċessibbli għall-kulħadd billi r-riparazzjonijiet meħtieġa tal-ħsarat tal-gwerra kienu għad ma tlestewx. Li l-għeluq kien provviżorju jidher ukoll minn dak li ġie deskritt fil-verbal tal-aċċess, fis-sens illi l-aħħar filata tal-apertura ma kienetx imbarrata. Dan kollu juri illi l-attriċi *kellhom l-animu* li jżommu, u fil-fatt żammew, id-drittijiet ta' aċċess u dgawdija li huma kellhom fuq l-isqaq;

Appena hemm bżonn jingħad illi, anki jekk dan il-pussess tal-attriċi kien komuni mal-konvenuta, huwa kien l-istess manutenibbli, ġa ladarba l-konvenuta per mezz tal-mandatarju tagħha mmenomat l-eżerċizzju tiegħu b'att ta' molestja. "Perchè siano ammissibili le azioni possessorie, non è necessario che il possesso sia esclusivo, concedendosi l'azione di turbamento anche fra compartecipi o compossessori della cosa comune" (Fadda, art. 694, no. 395 et seq.). Fil-każ preżenti, il-molestja kienet tikkonsisti f'att li bih il-konvenuta wriet li riedet tissurroga għall-kompussess pussess *esklużiv tagħha*;

Min dak li ntqal fuq jidher ċar illi l-artikolu 574 tal-

Kodiči Ċivili, invokat mill-appellanti, ma japplikax fil-każ preżenti;

Għal dawn il-motivi, u għal dawk miġjuba fis-sentenza appellata, l-appell tal-konvenuta hu miċħud, u dik is-sentenza hi konfermata. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta appellanti. Iż-żmien fissat mill-Ewwel Qorti jibda jgħodd millum.